



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5766/23

SOC 53
EMPL 36

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Jannar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 40 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI <i>Insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbu tranżizzjonijiet ġusti</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 40 final.

Mehmuż: COM(2023) 40 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2023
COM(2023) 40 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

***Insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex
niksbu tranżizzjonijiet ġusti***

1. INTRODUZZJONI

Id-djalogu soċjali huwa l-pedament tal-mudell soċjali Ewropew. Wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-UE huwa li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol. Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma modi fundamentali kif isir dan, billi jikkontribwixxu għal aktar produttività filwaqt li jiżguraw ukoll il-ġustizzja soċjali, ambjent tax-xogħol ta' kwalità u d-demokrazija fil-post tax-xogħol. Ewropa soċjali b'saħħitha teħtieġ sħab soċjali b'saħħithom. Għalhekk, id-djalogu soċjali huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-Pilastru Ewropew għad-Drittijiet Soċjali.

Sħab soċjali b'saħħithom huma essenzjali għall-ġestjoni effettiva u bbilanċjata tat-tibdil. It-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni u x-xejriet demografiċi qed ibiddlu d-dinja b'mod rapidu, dan jinkludi d-dinja tax-xogħol. Il-COVID-19 aċċellerat xi wħud minn dawn il-bidliet. Id-djalogu soċjali huwa fundamentali biex jinstabu modi bbilanċjati biex jiġu indirizzati l-bidliet fid-dinja tax-xogħol. Madwar l-UE, id-djalogu soċjali kien fuq quddiem nett fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki li jillimitaw l-impatti tal-pandemija. Fil-livell tas-setturi u tal-kumpaniji, is-sħab soċjali stabbilew malajr protokollu ġodda dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali jew implimentaw it-taħriġ. Fil-livell nazzjonali, huma appoġġaw lill-awtoritajiet fl-assistenza finanzjarja lill-ħaddiema u lill-kumpaniji. Is-sħab soċjali għandhom ukoll rwol ewleni fl-indirizzar tal-impatti estensivi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, billi jiffaċilitaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni mill-Ukrajna li ġew spostati, kif ukoll ta' refuġjati u migranti oħra, u billi sabu soluzzjonijiet sostenibbli għall-aġġustament tal-pagi u tal-ftehimiet kollettivi b'rispons għall-kriżi tal-għoli tal-ħajja u għal-livelli għoljin ta' inflazzjoni.

L-involviment tas-sħab soċjali jtejjeb it-tfassil tal-politika u t-tfassil tal-liġijiet. Is-sħab soċjali għandhom għarfien u esperjenza uniċi tas-sitwazzjoni tal-impjiegi u tas-sitwazzjoni soċjali fil-prattika. L-input tagħhom jista' jilħaq bilanċ tajjeb bejn l-interessi tal-ħaddiema u tal-impjegaturi u jtejjeb l-aċċettabbiltà u l-effikaċja tal-politika u tal-leġiżlazzjoni. Is-sħab soċjali għandhom rwol uniku meta mqabbla ma' partijiet ikkonċernati oħra. It-Trattat (l-Artikolu 154 tat-TFUE) jobbliga lill-Kummissjoni tikkonsulta lis-sħab soċjali fuq proposti fil-qasam tal-politika soċjali (jiġifieri li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 153 tat-TFUE), sabiex is-sħab soċjali jkunu jistgħu, jekk jixtiequ, jinnegozjaw ftehimiet. Il-ftehimiet tas-sħab soċjali jistgħu jiġu implimentati permezz tad-dritt tal-Unjoni (l-Artikolu 155 tat-TFUE). Djalogi strutturati fil-livell tal-UE jiġu organizzati regolarment mas-sħab soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fil-mument ewlenin kollha fiċ-ċiklu.

L-UE tippromwovi r-rwol tas-sħab soċjali u tisħaq li jsir djalogu soċjali aħjar. Il-promozzjoni tad-djalogu soċjali hija oġettiv komuni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, filwaqt li titqies id-diversità tas-sistemi nazzjonali u tiġi rrispettata l-awtonomija tas-sħab soċjali. Jeħtieġ li ssir aktar ħidma, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE biex in-

negozjar kollettiv jingħata l-appoġġ li jkopri iżjed setturi u tinbena l-kapaċità tas-sħab soċjali, biex jiġi mħeġġeġ l-involviment tagħhom u tiġi ssalvagwardjata l-awtonomija tagħhom¹. Fil-**Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** ta' Marzu 2021² il-Kummissjoni ħabbret li se tippreżenta inizzjattiva biex tappoġġa d-djalogu soċjali nazzjonali u tal-UE wara konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali. Ġie mħeġġeġ ukoll dijalogu soċjali msaħħaħ fil-livelli kollha fl-ogħla livell politiku bl-**Impenn Soċjali ta' Porto**³ ffirmit mill-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE, mill-Parlament Ewropew, mill-Kummissjoni Ewropea, mis-sħab soċjali, u mill-Pjattaforma Soċjali. L-inizzjattiva ta' dijalogu soċjali, imsemmija wkoll fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta" ta' Ġunju 2022, tagħti kontribut sinifikanti għas-segwitu għall-Konferenza⁴.

Din il-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni** tistabbilixxi għadd ta' miżuri konkreti biex id-djalogu soċjali tal-UE jkompli jissaħħaħ u hija akkumpanjata minn **proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill** dwar kif jissaħħu d-djalogu soċjali nazzjonali u n-negozjar kollettiv. Il-Kummissjoni ħejjiet din l-inizzjattiva bl-involviment mill-qrib tas-sħab soċjali, u organizzat ukoll diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Regġuni.

2. DJALOGU SOĊJALI NAZZJONALI

L-arranġamenti u l-proċessi tad-djalogu soċjali jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor: f'termini ta' relazzjonijiet industrijali kollettivi, ir-rwol tan-negozjar kollettiv fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet u s-sħubija fihom, l-istrutturi formali għall-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika, kif ukoll l-importanza politika tagħhom. Is-sistemi ta' negozjar kollettiv tal-Istati Membri jvarjaw ukoll f'kemm huma ċentralizzati jew deċentralizzati.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom fis-seħħ struttura ta' dijalogu soċjali nazzjonali formali waħda jew aktar fejn ir-rappreżentanti tal-impjegaturi, tat-trade unions u tal-gvern jistgħu jiddiskutu kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali ġenerali. Ir-rwol u s-setgħat ta' dawn il-korpi jvarjaw ħafna, iżda normalment ikollhom rwol konsultattiv dwar abbozzi ta' leġislazzjoni u politiki, speċjalment f'oqsma relatati mal-impjieg, u xi drabi jistgħu jipprovdu forum għan-negozjar ta' ftehimiet. Ħafna Stati Membri għandhom ukoll korpi tripartitiċi li jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi, bħas-sigurtà soċjali, l-impjieg, it-taħriġ, u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Biex ikun hemm dijalogu soċjali tripartitiku produttiv li jinvolvi lill-awtoritajiet pubbliċi, irid ikun hemm dijalogu soċjali bipartitiku b'saħħtu.

¹ Ara wkoll ir-Rapport dwar it-tiżiż tad-djalogu soċjali tal-UE tal-konsulent speċjali Andrea Nahles, disponibbli [online](#).

² COM (2021) 102 final, disponibbli [online](#).

³ L-Impenn Soċjali ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2022, disponibbli [online](#).

⁴ COM(2022) 404 final, Anness, disponibbli [online](#)

F'dinja tax-xogħol li qed tinbidel, id-djalogu soċjali jinsab taħt pressjoni biex iwassal is-soluzzjonijiet meħtieġa. Filwaqt li d-densità tal-impjegaturi (is-sehem tal-impjegaturi li huma membri tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi) baqgħet relattivament stabbli, id-densità tat-trade unions naqset (bħala medja) fl-Istati Membri kollha. Minħabba l-bidla tal-attività ekonomika mill-manifattura għas-servizzi tas-settur privat, u minħabba t-tibdil fid-dinja tax-xogħol, sar diffiċli għat-trade unions u għall-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi biex jirreklutaw membri ġodda. Ħafna ħaddiema attivi fil-biċċa l-kbira tal-forom l-aktar ġodda ta' impjieg, inkluż għadd dejjem jikber ta' persuni li jaħdmu għal rashom, ma humiex irrappreżentati. L-istess japplika għall-ħaddiema fuq kuntratti b'terminu fiss li qed jizjeddu fl-għadd tagħhom iżda li hemm inqas probabbiltà li jissieħbu f'unjoni. Huwa iżjed diffiċli għar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jorganizzaw forza tax-xogħol daqshekk frammentata minħabba l-flessibbiltà f'termini tal-ħin li fih isir ix-xogħol, u fejn isir. F'dawn l-aħħar snin, l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali ħadu inizjattivi biex jattiraw membri ġodda jew biex isaħħu l-leħen ta' ċerti gruppi sottorappreżentati (b'mod partikolari, iż-żgħażaġh u l-ħaddiema tal-pjattaformi) permezz ta' strateġiji u ta' sforzi ta' reklutaġġ immirati lejn dawn il-gruppi u permezz tal-ħolqien ta' strutturi speċifiċi fi ħdan l-organizzazzjonijiet. F'termini ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-proporzjon ta' nisa fit-trade unions ivarja ħafna madwar l-UE, iżda x-xejra ġenerali hija li l-għadd ta' membri nisa qiegħed dejjem jikber, minkejja t-tnaqqis fis-sħubija fit-trejdjunjins b'mod ġenerali. In-nisa għadhom sottorappreżentati f'pożizzjonijiet ta' tmexxija.

Is-sehem tal-ħaddiema koperti minn ftehimiet kollettivi naqas b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar 30 sena. Dan naqas minn medja stmata tal-UE ta' madwar 66 % fl-2000 għal madwar 56 % fl-2019 bi tnaqqis kbir partikolari fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant [il-Graff nru 1]. Madwar l-Istati Membri, ġiet osservata bidla kbira lejn id-deċentralizzazzjoni tan-negożjar lejn il-livell tal-kumpaniji. Skont l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), il-kopertura tan-negożjar kollettiv hija għolja (aktar minn 50 %) biss f'pajjiżi li għallinqas għandhom xi forma ta' negożjar settorjali. F'pajjiżi fejn in-negożjar iseħħ b'mod predominanti fil-livell tal-kumpaniji, il-kopertura tan-negożjar kollettiv hija tipikament baxxa. Il-koordinazzjoni bejn is-setturi u l-unitajiet tan-negożjar kif ukoll il-livell ta' koordinazzjoni huma dimensjonijiet tan-negożjar kollettiv ta' importanza partikolari.


Il-grad u l-kwalità tal-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politiki jvarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri. Għalkemm il-kwalità tal-involvement tas-sħab soċjali baqgħet stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri matul dawn l-aħħar snin, l-involvement f'waqtu u sinifikanti tagħhom ivarja ħafna minn pajjiż għal ieħor. Parti mir-raġuni għal dan hija l-ambjent, il-proċeduri u l-prattiki istituzzjonali diversi⁵. B'mod partikolari, il-kwalità u l-effettività tad-djalogu soċjali fl-Istati Membri huma vvalutati mill-Kumitat tal-Impjiegi fir-“rieżami tad-Djalogu Soċjali” annwali tiegħu. L-aktar konklużjonijiet riċenti approvati mill-Kunsill f'Ġunju tal-2022 jenfasizzaw, fost l-oħrajn, l-importanza li jiġi allokat biżżejjed

⁵ Eurofound (2021), disponibbli [online](#).

żmien għall-konsultazzjonijiet waqt il-proċess tat-tfassil tal-politiki, li jiġu żgurati oqfsa istituzzjonali adegwati, u li jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-bini tal-kapaċitajiet u t-tnaqqis fil-kopertura tan-negozjar kollettiv.⁶ Il-Parlament Ewropew saħaq ukoll li sistemi ta' negozjar kollettiv b'saħħithom iżidu r-reżiljenza tal-Istati Membri f'żminijiet ta' kriżi ekonomika u li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jippromwovu densità għolja tat-trade unions u jreġġgħu lura t-tnaqqis fil-kopertura tan-negozjar kollettiv⁷.

Graff nru 1: Kopertura tan-negozjar kollettiv fl-UE, 2000-2019

L-għadd ta' impjegati koperti mill-ftehim kollettiv, diviż bin-numru totali ta' impjegati li jaqilgħu paga u salarju (f'%, 2000 u 2019).



Nota: (1) L-aktar *data* riċenti disponibbli hija: mill-2019 (AT, BE, CZ, HU, IT, LT, NL, PL, PT), mill-2018 (BG, DE, DK, ES, FR, LU, LV, SE), mill-2017 (EL, FI, IE, SI, RO), mill-2016 (CY, MT), mill-2015 (SK) u mill-2014 (HR). (2) Għall-IT, il-kopertura ġiet riveduta għal 100 % u dan jirrifletti l-fatt li l-pagi bażi stabbiliti fi ftehimiet kollettivi jintużaw mit-Tribunali Industrijali bħala referenza għall-applikazzjoni tal-prinċipju kostituzzjonali ta' remunerazzjoni proporzjonata u suffiċjenti. Il-livell ta' 100 % ta' kopertura tan-negozjar kollettiv fir-RO u fil-EL fl-2000 huwa spjegat mill-eżistenza ta' mekkaniżmi li jestendu l-ftehimiet kollettivi għall-kumpaniji kollha filwaqt li t-tnaqqis jirriżulta prinċipalment b'konsegwenza tat-tneħħija ta' dawk il-mekkaniżmi ta' estensjoni u bidliet oħra li jwasslu għal deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv.

Sors: Għall-2000 jew l-eqreb - il-bażi tad-*data* tal-ICTWSS, il-Verżjoni 6.1, l-Università ta' Amsterdam. Variable AdjCov (# 111). Għall-aktar *data* riċenti - il-bażi tad-*data* tal-OECD/AIAS (2021)

⁶ Disponibbli [online](#).

⁷ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2021 dwar is-"Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021", disponibbli [online](#).

L-UE għandha għadd ta' strumenti li għandhom l-għan li jsaħħu d-djalogu soċjali nazzjonali. Id-Direttiva dwar il-Pagi Minimi⁸ teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jgħinu lis-sħab soċjali jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jinvolvu ruħhom f'negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi, u biex jinkoraġġixxu negozjati tal-pagi kostruttivi, sinifikanti u infurmati. Id-Direttiva titlob ukoll lill-Istati Membri fejn il-kopertura tan-negozjar kollettiv ma tilħaqx mill-inqas 80 % tal-ħaddiema, biex jistabbilixxu qafas abilitanti għan-negozjar kollettiv u pjan ta' azzjoni biex jippromwovuh. Il-bidliet teknoloġiċi kontinwi u ż-żieda fl-awtomatizzazzjoni qed jintwerew malajr bħala ristrutturar fl-ekonomija kollha. F'dan il-kuntest, il-qafas tal-kwalità għar-ristrutturar, tal-2013 tal-UE jgħin lill-kumpaniji jantiċipaw il-bidla u jtaffu l-effetti soċjali u tal-impjiegi tar-ristrutturar⁹. Qafas komprensiv ta' Direttivi dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transnazzjonali, jistabbilixxi wkoll regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-livell tal-kumpanija¹⁰, b'mod partikolari fi żminijiet ta' ristrutturar. Il-Parlament Ewropew qed tikkunsidra riżoluzzjoni b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet. Id-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku¹¹ jeħtieġu li l-Istati Membri jirrispettaw id-dritt li jorganizzaw u li jinnegozjaw b'mod kollettiv skont il-Konvenzjoni 87 tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni u l-Konvenzjoni 98 tal-ILO dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi¹² tistinka għat-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-ekonomija tal-pjattaformi, inkluż bl-għoti ta' drittijiet ġodda ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni dwar il-ġestjoni algoritmika, u teħtieġ li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali joħolqu l-possibbiltà li n-nies li jaħdmu fuq il-pjattaformi jikkuntattjaw lil xulxin u jikkomunikaw ma' xulxin u mar-rappreżentanti tagħhom. Il-linji gwida riċenti dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE għal ftehimiet kollettivi minn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jiċċaraw iċ-ċirkostanzi li fihom ċerti persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom jistgħu jinnegozjaw b'mod kollettiv biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom mingħajr ma jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE¹³. L-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki u tar-riformi soċjali u tal-impjiegi ġie rikonoxxut ukoll u kompli jitħeġġeġ fil-linji gwida dwar l-impjiegi.

Matul dawn l-aħħar snin, id-djalogu soċjali sar aktar importanti fis-Semestru Ewropew bir-riżultat li nħarġu għadd ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż fir-rigward tal-involviment tas-sħab soċjali nazzjonali fit-tfassil tal-politiki. Fl-Istħarriġ Annwali dwar it-

⁸ Id-Direttiva (UE) 2022/2041, disponibbli [online](#).

⁹ COM/2013/0882 final, disponibbli [online](#).

¹⁰ Id-Direttiva 1998/59/KE, id-Direttiva 2001/23/KE, id-Direttiva 2002/14/KE u d-Direttiva 2009/38/KE.

¹¹ Id-Direttiva 2014/24/UE, id-Direttiva 2014/25/UE u d-Direttiva 2014/23/UE.

¹² COM(2021) 762 final, disponibbli [online](#).

¹³ C/2022/6846 disponibbli [online](#).

Tkabbir Sostenibbli għall-2023, il-Kummissjoni ttenni l-importanza ta' proċess inklużiv u tal-involviment f'waqt tas-sħab soċjali fil-koordinazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fil-livell Ewropew u nazzjonali, inkluż fl-istadji rilevanti kollha tas-Semestru Ewropew, li ħafna minnhom huma rilevanti wkoll għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2023 għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tissottolinja kemm l-involviment prevedibbli, sinifikanti u f'waqt tas-sħab soċjali għandu rwol importanti biex jiżgura li r-riformi u l-investiment jiffasslu u jiġu implimentati b'mod effettiv. Il-Kummissjoni tisħaq regolarment fuq l-importanza tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati fir-relazzjonijiet tagħha mal-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni se tuża l-fora eżistenti tas-Semestru Ewropew biex iżomm lis-sħab soċjali infurmati dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u żżommhom involuti fiha.

L-UE qiegħda tappoġġa lis-sħab soċjali biex itejbu l-bażi tas-sħubija u l-kapaċitajiet amministrattivi tagħhom. F'għadd ta' Stati Membri, is-sħab soċjali ma għandhomx il-kapaċità, u dan jimpedihom milli jipparteċipaw b'mod effettiv fid-djalogu soċjali¹⁴. Il-kapaċità tas-sħab soċjali ġiet enfasizzata bħala sfida għal 10 pajjiżi fir-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew tal-2019 u għal erba' pajjiżi addizzjonali fl-2020. Il-bini tal-kapaċitajiet huwa l-ewwel u qabel kollox kompitu li jrid jitwettaq mis-sħab soċjali stess. Madankollu, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom rwol ewlieni x'jaqdu billi jipprovdu appoġġ tekniku, finanzjarju, u appoġġ ieħor.

Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)¹⁵ jeħtieġ li l-Istati Membri li lilhom ġiet indirizzata rakkomandazzjoni speċifika għalihom dwar id-djalogu soċjali jonfqu mill-inqas 0,25 % tal-fondi fuq l-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali u/jew tal-NGOs, filwaqt li l-Istati Membri l-oħrajn kollha jridu jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi tal-FSE+ għal dan il-qasam. Il-Kummissjoni qiegħda tiffaċilita l-programmazzjoni tal-FSE+ għall-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali nazzjonali. Qed tippromwovi wkoll it-tagħlim reċiproku u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin fost l-Istati Membri anki permezz tal-linji baġitarji ta' prerogattiva għad-djalogu soċjali.

L-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi deskritti hawn fuq jeħtieġ li jiġu rduppjati fil-livell nazzjonali biex jiġu sfruttati l-benefiċċji kollha tad-djalogu soċjali. Azzjoni tal-UE tista' tgħin lill-Istati Membri jippromwovu d-djalogu soċjali u jappoġġaw lis-sħab soċjali, iżda mhijiex biżżejjed waħedha. L-isfidi li qegħdin jiffaċċjaw is-sħab soċjali, fosthom ix-xejriet li qed jonqsu l-ftehimiet kollettivi u l-varjazzjoni fil-kwalità tad-djalogu soċjali minn Stat Membru għal ieħor, jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' azzjoni fil-livell nazzjonali. Minbarra l-istrumenti ppreżentati hawn fuq, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi tippreżenta

¹⁴ Eurofound (2020), disponibbli [online](#).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/1057, disponibbli [online](#)

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar id-djalogu soċjali. Din ir-Rakkomandazzjoni proposta, ladarba tiġi adottata, se tipprovdi lill-Istati Membri bi gwida dwar kif l-aħjar jiġi promoss id-djalogu soċjali u jissaħħa in-negozjar kollettiv. Il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv hija importanti wkoll fil-kuntest tan-negozjati ta' tkabbir għaddejjin bħalissa, peress li l-pajjiżi kandidati jeħtieġ li jsaħħu l-istrutturi u l-proċessi tad-djalogu soċjali tagħhom biex jilqgħu għall-isfidi kkawżati mit-tibdil fid-dinja tax-xogħol.

Proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

- Il-Kummissjoni tipproponi Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali mill-Istati Membri. Il-proposta tirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm ambjent abilitanti għad-djalogu soċjali tripartitiku u bipartitiku, inkluż in-negozjar kollettiv li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-libertà tal-assoċjazzjoni u tan-negozjar kollettiv; tippromwovi organizzazzjonijiet b'saħħithom u indipendenti tal-ħaddiema u tal-impjegaturi, tinkludi miżuri biex tissaħħa il-kapaċità tagħhom; tiżgura l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jipparteċipaw fid-djalogu soċjali; tippromwovi l-involvement fid-djalogu soċjali min-naħa tal-partijiet kollha; tadatta għall-era diġitali, tippromwovi n-negozjar kollettiv fid-dinja l-ġdida tax-xogħol, u tranżizzjoni ekwa u ġusta lejn in-newtralità klimatika; u tiżgura appoġġ istituzzjonali xieraq.
- Immedjatament wara d-data tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni mill-Istati Membri, il-Kummissjoni se tissorvelja l-implimentazzjoni b'mod regolari b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali rilevanti u mal-Istati Membri, biex tevalwa l-progress. Dan se jikkomplementa l-konsultazzjoni u l-involvement regolari u stabbiliti sew tas-sħab soċjali bħala parti mill-proċess annwali tas-Semestru Ewropew.

3. DJALOGU SOĠJALI FIL-LIVELL TAL-UE

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikonoxxi bis-sħiħ ir-rwol ewlieni tas-sħab soċjali f'ekonomija tas-suq soċjali, li jagħtihom rwol speċifiku fit-tfassil tal-liġi tal-UE fil-qasam tal-politika soċjali. Il-possibbiltà li t-Trattat jipprevedi li l-ftehimiet tas-sħab soċjali jiġu implimentati fil-prattika fid-dritt tal-UE tikkonferma l-importanza tad-djalogu soċjali tal-UE u l-istatus speċjali tas-sħab soċjali rappreżentattivi. Fl-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huwa essenzjali li jiġu rrispettati l-awtonomija u r-rwoli tas-sħab soċjali u tal-istituzzjonijiet tal-UE. Ir-rwol tagħhom huwa rikonoxxut ukoll permezz tan-natura tripartitika ta' tliet Aġenziji tal-UE (il-Eurofound, iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol) u permezz tal-Kumitati ta' Konsulenza tripartitiċi fil-qasam tas-sigurtà u s-

saħħa fuq il-post tax-xogħol, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u t-taħriġ vokazzjonali.

Fl-2015, il-Kummissjoni nediet Bidu Ġdid għad-Djalogu Soċjali flimkien mas-sħab soċjali Ewropej. Is-sħab soċjali Ewropej, il-Kummissjoni u l-Kunsill sussegwentement iffirmax Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Bidu l-Ġdid għad-Djalogu Soċjali.¹⁶ Bħala parti mis-segwitu, il-Kummissjoni saħħet ir-rwol tas-sħab soċjali Ewropej fis-Semestru Ewropew billi tikkonsultahom f'punti ewlenin fil-proċess, billi tinvolvihom aktar fit-tfassil tal-politiki u fit-tfassil tal-liġijiet bl-introduzzjoni ta' forum ġodda ta' konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali. Qed tagħti wkoll aktar enfasi lill-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali nazzjonali, inkluż permezz ta' aktar finanzjament, peress li d-djalogu soċjali fil-livell tal-UE ma jistax jidwettaq mingħajr djalogu soċjali nazzjonali effettiv u li jiffunzjona tajjeb.

Il-qafas għad-djalogu soċjali tal-UE sar qafas b'saħħtu kemm għan-negozjati u għall-konsultazzjonijiet bilaterali kif ukoll għal dawk tripartitiċi. Madankollu, huwa kruċjali li l-qafas jiġi aġġornat b'mod regolari biex niżguraw li s-sħab soċjali jkunu jistgħu jikkontribwixxu bis-sħiħ biex jintlaħqu l-isfidi ekonomiċi u soċjali. Wasal iż-żmien li jiġi evalwat il-progress li sar wara l-bidu l-ġdid għad-djalogu soċjali, u li nistudjaw il-modi ta' kif jista' jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tad-djalogu soċjali Ewropew. Il-Kummissjoni, abbażi tal-konsultazzjonijiet tagħha mas-sħab soċjali, tipproponi sett ta' miżuri biex issaħħa id-djalogu soċjali Ewropew billi timmodernizza l-istrutturi tagħha, tħeġġeġ u tappoġġa l-ftehimiet tas-sħab soċjali, issaħħa l-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politiki tal-UE u tagħmel mod li l-appoġġ finanzjarju u tekniku tal-Kummissjoni jkun aktar effettiv.

3.1. Strutturi ta' djalogu soċjali

Livell transindustrijali

Id-djalogu soċjali Ewropew għandu fis-seħħ strutturi transindustrijali li ilhom stabbiliti. Is-Summit Soċjali Tripartitiku għat-Tkabbir u l-Impjiegi jiżgura li jsiru konsulti kooperattivi biannwali bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni, u s-sħab soċjali fil-livell Ewropew¹⁷. Id-Djalogu Makroekonomiku jipprovdi forum għall-Kunsill, għall-Kummissjoni, għall-Bank Ċentrali Ewropew u għall-Grupp tal-Euro biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-politiki monetarji u baġitarji u l-iżviluppi fil-pagi mas-sħab soċjali Ewropej. F'dawn l-aħħar snin, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) organizza wkoll diversi seminars mas-sħab soċjali nazzjonali Ewropej rilevanti biex jiddiskuti suġġetti ta' importanza partikolari għalihom (pereżempju l-ħiliet, il-miżuri relatati mal-COVID-19, jew it-tranżizzjonijiet fl-impjiegi) minbarra r-rieżami annwali tradizzjonali tad-Djalogu Soċjali. Il-Kumitat tal-protezzjoni Soċjali (KPS) b'mod regolari jinvolvi lis-sħab soċjali fid-diskussjonijiet tiegħu (pereżempju dwar il-pensjonijiet, il-kura fit-tul jew l-aċċess għall-protezzjoni soċjali). Il-Kumitat tad-Djalogu Soċjali, organizzat mill-

¹⁶ Joint Statement on the New Start for Social Dialogue (2016), available [online](#).

¹⁷ L-Artikolu 152 tat-TFUE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/1859, disponibbli [online](#).

Kummissjoni, huwa l-forum ewlieni għad-djalogu soċjali transindustrijali fost l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali transindustrijali Ewropej.

Filwaqt li dawn il-fora jippermettu djalogu komprensiv bipartitiku u tripartitiku fl-UE, l-esperjenza riċenti tal-iżvilupp ta' għodod imtejbin biex jiġu indirizzati l-bidliet rapidi fis-suq tax-xogħol u dawk soċjali, esponiet ħtieġa komplementari ta' djalogu tripartitiku aktar fil-fond dwar l-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali. Din il-ħtieġa kienet enfasizzata b'mod qawwi mis-sħab soċjali fil-proċess tal-konsultazzjoni.

Il-Kummissjoni se:

- tistieden lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jorganizzaw diskussjonijiet tripartitiċi regolari dwar is-suġġetti rilevanti, bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali.
- Fil-kuntest tal-laqgħat tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali u bi qbil mas-sħab soċjali, se torganizza diskussjonijiet tripartitiċi *ad hoc*/straordinarji dwar suġġetti rilevanti (pereżempju dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet jew it-tranżizzjoni ġusta) li jinvolvu lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali u lir-rappreżentanti tal-Istati Membri.

Livell settorjali

Id-djalogu soċjali settorjali tal-UE jkopri aktar minn 80 % tal-forza tax-xogħol tal-UE. It-43 Kumitat Settorjali għad-Djalogu Soċjali jikkonsistu minn 65 organizzazzjoni Ewropea tal-impjegaturi u minn 15-il federazzjoni Ewropea tat-trade unions, u jirrappreżentaw madwar 185 miljun ħaddiem u aktar minn 6 miljun ditta madwar l-UE. Huma jiddiskutu u jiftehmu dwar kif għandhom jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali fis-setturi rispettivi tagħhom, u jiġu kkonsultati dwar l-iżviluppi fil-livell tal-UE b'implikazzjonijiet soċjali u tal-impjiegi. Minbarra l-ftehimiet, kull sena s-sħab soċjali settorjali Ewropej jadottaw bejn 30 u 50 pożizzjoni ta' eżitu konġunta dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti, bħas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-impatti tat-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika, id-diġitalizzazzjoni, il-ħiliet, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol jew l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.¹⁸ Kopertura kbira tal-ħaddiema u tal-kumpaniji tagħti l-leġittimità lill-kumitati u tiżgura li r-riżultati konġunti bħal ftehimiet awtonomi jkollhom impatt reali f'termini tal-implimentazzjoni. Minkejja differenzi kbar fost is-setturi, il-kumitati pprovdew qafas ta' djalogu soċjali komuni fil-livell tal-UE.

Dan il-qafas żviluppa maż-żmien b'reazzjoni għall-ħtieġa li s-sħab soċjali jinfluwenzaw u jikkontribwixxu biex l-UE tkompli ssir aktar integrata. Madankollu, is-sħab soċjali jistgħu jidhru jew jisparixxu fi kwalunkwe settur. Pereżempju, fis-snin riċenti dehru operaturi

¹⁸ Eżiti disponibbli [online](#).

ġodda bħall-kumpaniji bi prezz baxx fl-avjazzjoni ċivili, kumpaniji ġodda fis-servizzi postali jew fornituri privati tas-servizzi soċjali. Sabiex jirreaġixxu aħjar għall-iżviluppi settorjali u għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, il-kumitati għandhom jagħmlu hilitom biex ikunu inklużivi, iżommu r-rappreżentattività u jkomplu jżiduha. Barra minn hekk, jeħtieġ li jżidu r-rilevanza tad-djalogu soċjali settorjali, inkluż billi jinvolvu lill-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali nazzjonali u jikkooperaw ma' setturi/segmenti li għadhom mhumiex irrappreżentati jew koperti fid-djalogu soċjali settorjali Ewropew¹⁹.

Il-Kummissjoni, flimkien mas-sħab soċjali settorjali, se tinvolvi ruħha fil-modernizzazzjoni tal-qafas għad-djalogu soċjali settorjali tal-UE biex ittejjeb ir-rilevanza u l-effettività tiegħu u teżamina jekk hijiex meħtieġa reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE dwar l-istabbiliment ta' Kumitati ta' Djalogu Settorjali biex iġibu 'l quddiem id-djalogu bejn l-imsieħba soċjali fuq²⁰ livell Ewropew.

L-impenji ambjentali jaffettwaw l-organizzazzjoni tal-laqgħat. Bi qbil mal-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni dwar “L-Ekoloġizzazzjoni tal-Kummissjoni”²¹, il-Kummissjoni diġà bdiet torganizza għadd ta' laqgħat f'format online jew ibridu. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' djalogu soċjali settorjali. B'hekk, b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, se tiżviluppa approċċ ġdid u aktar ekoloġiku għall-organizzazzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, se:

- timmodernizza l-qafas legali għall-Kumitati ta' Djalogu Soċjali Settorjali possibbilment permezz li ssir reviżjoni tad-Deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni;
- fl-istruttura attwali tal-Kumitati tad-Djalogu Soċjali Settorjali, tiffaċilita s-sinerġiji bejn il-kumitati eżistenti, tippromwovi l-inklużjoni ta' segmenti ġodda ta' setturi ekonomiċi fihom, soġġett għall-issodisfar tal-kriterji rilevanti, u taġġusta l-approċċ għat-twettiq ta' studji dwar ir-rappreżentattività b'kooperazzjoni mal-Eurofound;
- tniedi proċess biex tirreżamina l-mod kif jiġu organizzati l-laqgħat tal-Kumitati tad-Djalogu Soċjali Settorjali;
- tkompli tesplora l-modalitajiet għall-istabbiliment ta' djalogu soċjali settorjali ġdid għas-servizzi soċjali fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni tistieden lis-sħab soċjali:

- ikomplu bl-isforzi u jivvalutaw il-ħtieġa għal aktar azzjonijiet fid-djalogi soċjali rispettivi tagħhom biex jagħmlu kuntatt mal-affiljati fl-Istati Membri li għadhom mhumiex koperti fil-Kumitati rispettivi tad-Djalogu Soċjali Settorjali, biex itejbu s-

¹⁹ Ara l-Eurofound (2019), disponibbli [online](#)

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE, disponibbli [online](#).

²¹ [Ara](#) C(2022)2230 final

sħubija u r-rappreżentattività kemm tat-trade unions kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi;

- jippromwovu l-inklużjoni tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi rilevanti kollha tas-sħab soċjali Ewropej fil-kumitati eżistenti u ġodda.

3.2. L-appoġġ għall-ftehimiet tas-sħab soċjali

Wieħed mill-aktar eżiti importanti tad-djalogu soċjali tal-UE huwa l-ftehimiet tas-sħab soċjali. Sal-lum, is-sħab soċjali kkonkludew sitt ftehimiet awtonomi transindustrijali. Minbarra l-ftehimiet awtonomi, bejn l-1995 u l-2010, ġew implimentati erba' ftehimiet ta' sħab soċjali transindustrijali permezz tal-liġi tal-UE²². Madankollu, fl-aħħar 10 snin, is-sħab soċjali transindustrijali Ewropej ma nnegożjaw ebda ftehim ġdid li għandu jiġi implimentat permezz tad-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon il-programm ta' ħidma l-ġdid tal-2022-2024 tas-sħab soċjali transindustrijali Ewropej u n-negożjar għaddej bħalissa ta' ftehim ġdid dwar it-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni maħsub li jiġi implimentat permezz tad-dritt tal-Unjoni. Fil-livell settorjali, bejn l-1999 u l-2018, tmien ftehimiet tas-sħab soċjali nbidlu fi dritt tal-Unjoni²³ u bejn l-1999 u l-2021 ġew żviluppati ħames ftehimiet awtonomi mis-sħab soċjali nazzjonali.

Is-sentenzi riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)²⁴ jiċċaraw il-qafas għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet tas-sħab soċjali permezz tad-dritt tal-Unjoni. Is-sentenzi jinvolvu li, wara talba konġunta tas-sħab soċjali biex il-ftehim tagħhom jiġi implimentat fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni tiddetermina każ b'każ jekk ikunx xieraq li tiġi ppreżentata proposta lill-Kunsill li timplimenta dak il-ftehim fil-livell tal-UE bħala Direttiva. Filwaqt li jkun qed jiġi nnegożjat ftehim, is-sħab soċjali jistgħu jaġixxu b'mod liberu u l-Kummissjoni trid toqgħod lura minn kull imġiba bil-ħsieb li tinfluwenza l-kors tan-negożjati jew il-kontenut tal-ftehim previst.

Bħala prijorità, il-Kummissjoni, se tkompli tippromwovi l-ftehimiet ta' sħab soċjali. Għal dan il-għan, is-servizzi tal-Kummissjoni se jappoġġaw in-negożjar ta' ftehimiet tas-sħab soċjali billi jipprovdu, fuq talba tas-sħab soċjali, l-appoġġ amministrattiv u l-pariri legali, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni ta' ftehim permezz tad-dritt tal-UE (pereżempju xi allinjament ħażin li jista' jkun hemm mal-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat, jew xi trikkib ma' leġiżlazzjoni eżistenti). Dan il-parir

²² Id-Direttivi 96/34/KE, 97/81/KE, 1999/70/KE u 2010/18/UE.

²³ Id-Direttivi 1999/63/KE, 2000/79/KE, 2005/47/KE, 2009/13/KE, 2010/32/UE, 2014/112/UE, 2017/159/UE u 2018/131/UE.

²⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Ottubru 2019, C-928/19, u s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2021, C-928/19 P.

legali, ipprovdut fuq bażi tal-aħjar sforz, mhux se jippreġudika l-pożizzjoni finali tal-Kummissjoni dwar jekk għandhiex tissottometti l-ftehim lill-Kunsill.

Kif ġie kkonfermat mis-sentenza tal-Qorti tal-21 ta' Settembru 2021 (il-Kawża C-928/19 P), meta tirċievi talba mingħand is-sħab soċjali biex timplimenta ftehim ta' sħab soċjali permezz tad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tivvaluta l-legalità tal-ftehim u r-rappreżentattività tal-partijiet firmatarji, kif ukoll kemm ikun xieraq li l-ftehim jiġi implimentat permezz tad-dritt tal-Unjoni, billi tqis l-aspetti ekonomiċi, soċjali u politiċi fost kunsidrazzjonijiet oħra. F'dan il-kuntest tista' titwettaq valutazzjoni tal-impatt. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-għarfien tas-sħab soċjali dwar l-impatti possibbli li l-ftehim tagħhom jista' jkollu fuq in-negozji u fuq il-ħaddiema.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jinfurmaw lis-sħab soċjali rispettivi f'żmien 3 xhur bil-kunsidrazzjonijiet preliminari tagħhom, u jista' jkun li jinkludu hijiex se ssir valutazzjoni tal-impatt. Il-Kummissjoni se tieħu deċiżjoni finali skont il-kumplexità tal-valutazzjoni tal-ftehim propost filwaqt li tqis ir-rekwiżiti tal-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tippromwovi eżiti konġunti oħra tas-sħab soċjali, bħall-qafas tal-azzjonijiet, dokumenti għat-tagħlim reċiproku jew dokumenti ta' gwida, u se tħeġġeġ lis-sħab soċjali Ewropej jiżviluppaw u jsegwu kontinwament dawk ġodda b'rispons għall-isfidi emerġenti.

Il-Kummissjoni se:

- tipprovd i l-appoġġ amministrattiv u l-pariri legali lis-sħab soċjali Ewropej, meta jitolbuhom, u matul in-negozjati tagħhom dwar il-ftehimiet tas-sħab soċjali li hija prevista l-implimentazzjoni tagħhom permezz tad-dritt tal-Unjoni;
- issaħħaħ l-enfasi fuq proġetti li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' ftehimiet awtonomi tas-sħab soċjali f'seħhiet futuri għad-djalogu soċjali għal proposti ta' proġetti.

Il-Kummissjoni tistieden lis-sħab soċjali Ewropej:

- jinneozjaw u jikkonkludu aktar ftehimiet dwar is-sħab soċjali;
- jiżguraw li jkollhom mandat mill-affiljati nazzjonali tagħhom li jippermettilhom jidħlu f'neozjati dwar ftehimiet ta' sħab soċjali;
- ikomplu jinvolvu lill-membri rispettivi tagħhom f'azzjonijiet u f'proġetti konġunti u separati għall-bini tal-kapaċitajiet immirati biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-ftehimiet qafas awtonomi tagħhom fl-Istati Membri kollha.

3.3. It-tisħiħ tal-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politiki tal-UE

Il-Kummissjoni tikkonsulta s-87 sieħeb soċjali Ewropej rikonoxxuti kollha dwar azzjoni leġislattiva possibbli tal-UE fil-qasam tal-politika soċjali koperta mill-Artikolu 153 tat-TFUE (pereżempju l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, l-

informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-impjiegi). Dawn il-konsultazzjonijiet f'żewġ stadji kienu kostanti matul l-aħħar 10 snin u twettqu kollha bil-miktub. F'xi oqsma, bħall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu okkupazzjonali għall-karċinoġeni, il-mutaġeni u r-reprotossini²⁵, is-sħab soċjali jiġu kkonsultati b'mod estensiv bl-użu ta' strutturi speċifiċi bħall-Kumitat Konsultattiv Tripartitiku dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. F'każijiet bħal dawn, u bi qbil mas-sħab soċjali Ewropej, il-konsultazzjoni f'żewġ stadji tista' ssir permezz ta' laqgħat mas-sħab soċjali kollha kkonċernati, sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi kollha tat-Trattat.

Sa mill-Bidu l-Ġdid għad-Djalogu Soċjali, il-Kummissjoni introduċiet seduti ddedikati bħala mod ġdid ta' konsultazzjoni mas-sħab soċjali Ewropej dwar inizjattivi li għalihom it-Trattat ma jirrikjedix konsultazzjoni f'żewġ stadji. Is-seduti ddedikati wrew li huma utli u huma fora importanti kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għas-sħab soċjali biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar inizjattivi ta' politika li ġejjin. L-għadd ta' seduti ddedikati żdied maż-żmien u l-kopertura tagħhom testendi għal oqsma ta' politika minbarra l-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali skont l-Artikolu 153 tat-TFUE (pereżempju governanza korporattiva sostenibbli, trasparenza fil-pagi, l-istrateġija Ewropea dwar il-kura, l-istrateġija ta' mobbiltà sostenibbli u intelliġenti u l-projbizzjoni ta' prodotti magħmula minn xogħol furzat fis-suq tal-UE). Barra minn hekk, il-Kumitati ta' Djalogu Soċjali Settorjali huma kkonsultati dwar l-iżviluppi tal-UE li għandhom implikazzjonijiet soċjali għas-setturi rispettivi tagħhom.

L-iżgurar tal-format u taż-żmien xierqa ta' dawn il-konsultazzjonijiet huwa importanti biex jiġu evitati opportunitajiet mitlufa għall-Kummissjoni li tikseb input ta' kwalità fil-konsultazzjonijiet. Din hija r-raġuni għaliex hemm bżonn ta' fehim aħjar tad-djalogu soċjali fi ħdan il-Kummissjoni kollha, u ta' approċċ aktar koerenti għall-involviment u l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali. Ikun ta' għajjnuna għas-sħab soċjali fit-tħejjija tal-input u tal-attivitajiet tagħhom jekk ikollhom idea ġenerali aktar ċara tal-ippjanar tal-proposti li ġejjin fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkoopera mas-sħab soċjali dwar suġġetti speċifiċi fuq bażi regolari. Pereżempju, permezz tas-Sħubija Ewropea għall-Integrazzjoni²⁶, il-Kummissjoni u s-sħab soċjali u ekonomiċi Ewropej għandhom l-għan li jippromwovu approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tar-refuġjati u migranti oħra. Is-sħab soċjali jikkontribwixxu wkoll għal deliberazzjonijiet dwar il-migrazzjoni legali fil-Pjattaforma l-ġdida dwar il-Migrazzjoni tal-Ħaddiema.

²⁵ Id-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni,

jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, disponibbli [online](#)

²⁶ Informazzjoni disponibbli [online](#).

Il-Kummissjoni se:

- tassenja r-rwol tal-Koordinatur tad-Djalogu Soċjali f'kull servizz tal-Kummissjoni;
- permezz tal-Membri tal-Kulleġġ responsabbli, tiġbor il-fehmiet tas-sħab soċjali transindustrijali Ewropej dwar il-prijoritajiet ta' politika qabel il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, bħala parti mid-djalogu regolari.

Il-Kummissjoni tistieden lis-sħab soċjali:

- jipprovdu pożizzjonijiet ta' eżitu aktar konġunti qabel ma jsiru l-proposti rilevanti tal-Kummissjoni.

3.4. Appoġġ finanzjarju u tekniku aktar effettiv

Ir-rwol speċjali tas-sħab soċjali u l-fatt li l-karattru tad-djalogu soċjali Ewropew huwa bbażat fuq it-Trattat huma rikonoxxuti fil-baġit tal-UE. Permezz ta' dan il-baġit, il-Kummissjoni tappoġġa l-proġetti tas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali, kif ukoll ir-riċerka dwar ir-relazzjonijiet industrijali. Il-Kummissjoni tiffinanzja u torganizza wkoll il-laqgħat tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali, it-43 Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali, kif ukoll is-seduti ta' konsultazzjoni.

L-UE qiegħda tappoġġa riċerka importanti dwar id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv. Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali huma fost il-prijoritajiet strateġiċi tal-programm ta' ħidma pluriennali tal-Eurofound 2021-2024. Il-Eurofound tipprovdi informazzjoni komparattiva dwar id-djalogu soċjali nazzjonali u l-proċessi u r-riżultati tan-negozjar kollettiv; tirrapporta dwar il-funzjonament tad-djalogu soċjali tripartitiku u l-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika nazzjonali; tipprovdi d-data dwar is-siġħat tax-xogħol u l-iffissar tal-pagi u tanalizza r-rwol tad-djalogu soċjali fil-kuntest tar-ristrutturar, tal-impatti tat-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika u tad-diġitalizzazzjoni. Apparti dan, il-Kummissjoni qiegħda tmexxi wkoll proġett konġunt mal-OECD biex tappoġġa l-iżvilupp tal-bażi tad-data tal-OECD/AIAS dwar il-Karatteristiċi Istituzzjonali tat-Trade Unions, l-Iffissar tal-Pagi, l-Intervent tal-Istat u l-Patti Soċjali. Il-proġett jipprovdi informazzjoni komprensiva u komparabbli dwar l-evoluzzjoni tan-natura u tal-ambitu tan-negozjar kollettiv fl-OECD u fil-pajjiżi tal-UE. Barra minn hekk, kull sena, il-Kummissjoni qiegħda tiffinanzja b'mod konġunt għadd ta' proġetti ta' riċerka Ewropej dwar in-negozjar kollettiv bis-sejħa tagħha għal proposti biex jittejjeb l-għarfien espert fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali.

Hemm bżonn ta' aktar qsim ta' informazzjoni u ta' trawwim aħjar tal-kultura tad-djalogu soċjali. Il-Kummissjoni żżomm bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku dwar ir-riżultati miftiehma b'mod konġunt mis-sħab soċjali Ewropej u tipprovdi l-informazzjoni online dwar l-40 sa 50 proġett ta' djalogu soċjali ffinanzjati kull sena. Minkejja dan, l-informazzjoni dwar l-impatt tad-djalogu soċjali Ewropew fil-livell nazzjonali, u dwar is-segwitu mis-sħab soċjali nazzjonali għar-riżultati miftiehma fil-livell Ewropew, hija limitata.

Il-biċċa l-kbira tal-eżiti tad-djalogu soċjali tal-UE ma fihomx dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni. L-implimentazzjoni tagħhom mhijiex immonitorjata, segwita jew analizzata. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, il-kultura tad-djalogu soċjali hija komparattivament dgħajfa minħabba tradizzjonijiet nazzjonali u lokali li affettwaw il-mod kif żviluppa d-djalogu soċjali. L-għarfien tal-politiki tal-UE u tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol fost is-sħab soċjali nazzjonali jvarja wkoll minn Stat Membru għal ieħor u minn organizzazzjoni tas-sħab soċjali għal oħra, u jista' jissaħħaħ permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni mmirati bil-għan li tinbena l-kapaċità. Dan jista' jinkludi programm pilota ta' informazzjoni u żjarat maħsub għall-mexxejja sħab soċjali żgħażaġh.

Il-Kummissjoni se:

- tistabbilixxi, b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, network ta' riċerka għall-analiżi u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali fl-UE u għas-segwitu tal-implimentazzjoni tiegħu;
- tappoġġa lis-sħab soċjali Ewropej biex itejbu l-għarfien tal-politiki tal-UE u tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol fost l-organizzazzjonijiet membri tagħhom.

Il-Kummissjoni tistieden lis-sħab soċjali:

- jagħtu aktar viżibbiltà lill-eżiti tad-djalogu soċjali Ewropew u lir-riżultati tal-proġetti tal-UE u jiżguraw li r-riżultati jixxandru lill-membri tagħhom u lil hinn minnhom.

4. IL-PROMOZZJONI INTERNAZZJONALI TAD-DJALOGU SOĊJALI

L-UE qiegħda tmexxi bl-eżempju u tippromwovi d-djalogu soċjali internazzjonalment. Dan tagħmlu permezz ta' laqgħat ta' kollaborazzjoni regolari mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, mal-OECD jew ma' organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali oħra kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tekniku. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw b'mod attiv is-sħubijiet globali li jippromwovu d-djalogu soċjali, anki permezz tal-inizjattiva tal-Patt Globali. Fil-kuntest tal-politika tat-tkabbir tal-UE, il-Kummissjoni tappoġġa wkoll proġetti mmirati lejn it-titjib tad-djalogu soċjali fil-pajjiżi kandidati jew fil-pajjiżi kandidati potenzjali u tipparteċipa fi skambji tal-aħjar Prattika f'diversi livelli. Fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-Kummissjoni qiegħda tiffinanzja programmi reġjonali mmirati lejn it-tisħiħ tad-djalogu soċjali u qiegħda torganizza l-Forum tal-Unjoni għall-Mediterran dwar id-Djalogu Soċjali mas-sħab soċjali miż-żewġ naħat tal-Mediterran. Permezz ta' sħubijiet internazzjonali, u bl-offerta tal-UE bbażata fuq il-valur għall-pajjiżi sħab, il-Global Gateway, l-UE ssostni standards għoljin ta' drittijiet tal-bniedem, drittijiet soċjali u drittijiet tal-ħaddiema, u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali tgħin biex tiżgura li din il-kooperazzjoni tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha.

Fi Frar tal-2022, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar ix-Xogħol Deċenti Madwar id-Dinja²⁷ u affermat mill-ġdid l-impenn tal-UE li tistinka biex tiżgura xogħol deċenti fl-UE u madwar id-dinja. L-UE tappoġġa l-kunċett universali ta' xogħol deċenti kif ġie żviluppat mill-ILO u kif inhu rifless fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Id-djalogu soċjali u t-tripartizmu huma wieħed mill-erba' elementi tal-kunċett universali tax-xogħol deċenti. Il-libertà tal-assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għal negozjar kollettiv huma fost l-istandards ewlenin tax-xogħol stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, u huma parti mill-impnġi fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-UE u fl-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus tal-UE.

L-Istati Membri kollha rratifikaw l-istandards internazzjonali ewlenin tal-ILO rilevanti għad-djalogu soċjali. Il-Kunsill, appoġġat mill-Kummissjoni, iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu jrratifikaw u jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO²⁸. Iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu d-djalogu soċjali fil-livelli kollha u fil-forom kollha tiegħu, inkluż permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera u billi jiġu promossi ftehimiet qafas internazzjonali biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni attiva tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-futur tax-xogħol u tingħata għajnuna biex jinkiseb progress soċjali, b'mod partikolari permezz tar-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv.

Il-Kummissjoni se:

- tibqa' tistieden lill-Istati Membri jrratifikaw u jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO, u jippromwovuhom fil-livell internazzjonali;
- b'kooperazzjoni mal-ILO, tniedi proġett biex tappoġġa lis-sħab soċjali fil-Kumitati tad-Djalogu Soċjali Settorjali tal-UE, fuq talba tagħhom, fit-twettiq ta' attivitajiet dwar ktajjen ta' provvista responsabbli, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tax-xogħol.

Il-Kummissjoni tistieden lis-sħab soċjali:

- ikomplu jippromwovu d-djalogu soċjali internazzjonalment fil-livelli kollha.

²⁷ COM(2022) 66 final, disponibbli [online](#).

²⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2019, "The future of work: the EU promoting the ILO Centenary Declaration"